MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Numru 909/2008

PULIZIJA
SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT
VS
GILBERT D'UGO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Gilbert D'ugo, iben il-mejtin Victor u Hilda nee' Mangion, imwieled Sliema fit-23 ta' Settembru 1947, residenti gewwa Camelia, Flat 1, Triq Luqa Briffa, Gzira u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 821247(M).

Illi huwa akkuzat talli, fis-sena 2008 u fis-snin ta' qabel, f'Rahal Gdid u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, filmat, *video recording* jew xbieha elettronika ndicenti cioe ta' Ommissis A.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet

differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda ppartecipa f'attivita' sesswali ma' minuri ta' Ommissis-il sena, cioe ma' Ommissis A.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Gilbert D'Ugo hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 18, 204C(1) u 208 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' prigunerija ta' sena.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-gravita' ta' kaz li jirrigwarda adult li inizja attivita' sesswali billi beda biex juri *film* pronografiku lil minuri imbaghad jippartecipa f'attivita' sesswali, inkluz sess orali, mal-minuri ta' Ommissis (ommissis)-il sena u dana bi hlas; il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt ukoll illi din l-attivita' sesswali ma gratx f'okkazzjoni wahda biss izda grat almenu f'ghaxar (10) okkazzjonijiet.

Il-Qorti, in konsiderazzjoni tal-piena, qieset wkoll l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fedina penali nadifa netta tieghu u l-fatt li l-minuri kellu diversi esperjenzi sesswali precedentament ghal dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------